SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla)

9 ta' Ġunju 2011 *

Fil-Kawża C-52/10,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari taħt l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mis-Symvoulio tis Epikrateias (il-Greċja), permezz ta' deċiżjoni tat-23 ta' Diċembru 2009, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-1 ta' Frar 2010, fil-proċedura

Eleftheri tileorasi AE "ALTER CHANNEL",

Konstantinos Giannikos

vs

Ypourgos Typou kai Meson Mazikis Enimerosis,

Ethniko Symvoulio Radiotileorasis,

* Lingwa tal-kawża: il-Grieg.

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla),

komposta minn K. Lenaerts, President tal-Awla, R. Silva de Lapuerta (Relatur), E. Juhász, G. Arestis u T. von Danwitz, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: N. Jääskinen,
Reġistratur: L. Hewlett, Amministratur Prinċipali,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-2 ta' Marzu 2011,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Eleftheri tileorasi AE "ALTER CHANNEL" u K. Giannikos, minn D. Sarafianos, dikigoros,

— għall-Gvern Grieg, minn A. Samoni-Rantou, E.-M. Mamouna u N. Marioli, bħala aġenti,

— għall-Gvern Latvjan, minn K. Drēviņa u M. Borkoveca, bħala aġenti,

— għall-Gvern Svediż, minn C. Meyer-Seitz u S. Johannesson, bħala aġenti,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn C. Vrignon u D. Triantafyllou, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 1(d) tad-Direttiva tal-Kunsill 89/552/KEE, tat-3 ta' Ottubru 1989, dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar it-twettiq ta' attivitajiet ta' xandir bit-televiżjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 1, p. 224), kif emendata bid-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 97/36/KE, tat-30 ta' Ġunju 1997 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 2, p. 321, iktar 'il quddiem id-"Direttiva 89/552").

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' kawża bejn Eleftheri tileorasi AE "ALTER CHANNEL" (iktar 'il quddiem "Eleftheri tileorasi") u K. Giannikos, u l-Ypourgos Typou kai Meson Mazikis Enimerosis (ministru tal-istampa u tal-medja) u l-Ethniko Symvoulio Radiotileorasis (kunsill nazzjonali tax-xandir bit-televiżjoni, iktar 'il quddiem l-"ESR"), dwar deċiżjoni tal-ESR li timponi multa fuq Eleftheri tileorasi u fuq K. Giannikos għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar ir-reklamar bil-moħbi.

Il-kuntest ġuridiku

Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni

3 Is-seba' u għoxrin premessa tad-Direttiva 89/552 hija fformulata kif ġej:

"Billi sabiex jiġi żgurat li l-interessi tal-konsumaturi bħala telespettaturi jiġu protetti bis-sħiħ u kif għandu jkun, huwa essenzjali li r-reklamar fuq it-televizjoni jkun soġġett għal ċertu numru ta' regoli u standards minimi u li l-Istati Membri jżommu d-dritt li jistabbilixxu regoli iktar dettaljati jew iktar stretti u f'ċerti ċirkostanzi li jistabbilixxu kondizzjonijiet differenti għal xandara tat-televiżjoni taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom;"

4 L-Artikolu 1(ċ) u (d) tal-imsemmija direttiva jipprevedi:

"Għall-iskop ta' din id-Direttiva:

[…]

(ċ) 'reklamar fuq it-televiżjoni' tfisser kull forma ta avviż imxandar sew bi ħlas kif ukoll għal rimunerazzjoni simili jew imxandar għal skopijiet ta promozzjoni tagħha stess minn impriża pubblika jew privata inkonnessjoni ma' kummerċ, negozju, sengħa jew professjoni sabiex tiġi promossa l-provvista ta' oġġetti jew servizzi, inkluża proprjetà immobbli, drittijiet u obbligi, bi ħlas;

(d) ‘reklamar bil-moħbi’ tfisser ir-rappreżentazzjoni bi kliem jew stampi ta’ oġġetti, servizzi, l-isem, it-trademark jew l-attivitajiet ta’ produttur ta’ l-oġġetti jew wieħed li jipprovdi servizzi fi programmi meta din ir-rappreżentazzjoni tkun maħsuba mix-xandar biex isservi ta’ reklam u tista’ tqarraq lill-pubbliku dwar in-natura tagħha. Din ir-rappreżentazzjoni hija kkunsidrata li tkun intenzjonata b’mod partikolari jekk issir bi ħlas jew għal rimunerazzjoni simili; […]”

5 L-Artikolu 10(1) u (4) tal-imsemmija direttiva jiddisponi:

“1. Ir-reklamar fuq it-televiżjoni u t-teleshopping għandu jkun jista jingħaraf mill-ewwel bħala tali u jinżamm separat sew minn partijiet oħra tas-servizz ta’ programmi permezz ta’ mezzi ottiċi u/jew akustiċi.

[…]

4. Ir-reklamar u teleshopping bil-moħbi għandhom jiġu pprojbiti.”

Il-leġiżlazzjoni nazzjonali

6 L-Artikolu 1(d) tad-Direttiva 89/552 ġie traspost fl-ordinament ġuridiku Grieg permezz tad-digriet presidenzjali 100/2000 dwar ir-reklamar bil-moħbi (FEK A’ 98).

Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

7 Eleftheri tileorasi hija kumpannija li għandha u li topera stazzjon tat-televiżjoni privata magħrufa bl-isem ta' "ALTER CHANNEL".

8 K. Giannikos huwa l-president u d-direttur eżekuttiv ta' din il-kumpannija.

9 Fil-kors ta' programm bit-televiżjoni tat-12 ta' Novembru 2003 fl-imsemmija stazzjoni tat-televiżjoni, ġew iddedikati tliet sekwenzi għall-preżentazzjoni ta' trattament dentali estetiku.

10 Fl-ewwel sekwenza, li matulha l-fraži "hija tibdillek it-tbissima" dehret fil-qiegħ tal-immaġini, il-preżentatriċi tkellmet ma' dentista li, fil-preżenza ta' waħda mill-pazjenti tagħha, indikat li dan it-trattament kien novità dinjija li tiegħu kienet sejra turi r-riżultati fuq it-tlugħ tas-snien ta' din il-pazjenta u li, wara sagħtejn, din tal-aħħar kien ser ikollha tbissima naturali perfetta. Wara, id-dentista tat xi ftit spjegazzjonijiet fuq l-effikaċja tal-metodu u indikat li dan kien jippermetti lil dak li jkun jikseb tbissima naturali perfetta. B'risposta għal mistoqsija tal-preżentatriċi tal-programm, hija tat ukoll indikazzjonijiet dwar l-ispiża tat-trattament inkwistjoni.

11 Matul il-programm, ixxandru ritratti tal-pazjenta, meħuda matul it-trattament, sabiex jippermetti lit-telespettaturi jqabblu.

12 Fit-tieni sekwenza, il-pazjenta dehret bl-inċisivi tax-xedaq ta' fuq tagħha mibdula u, fit-tielet sekwenza, inġibdet fl-aħħar tat-trattament.

13 Il-preżentatriċi tal-programm wara ddikjarat li t-trattament sabiex tinkiseb tbissima naturali kien effettivament dam sagħtejn.

14 Persuna preżenti qalb l-ispettaturi tal-programm inkwistjoni ddikjarat li hija xtaqet ukoll ikollha tbissima bħal dik. Id-dentista allura talbitha turija t-tlugħ tas-snien permezz ta' screen tat-televiżjoni, u wara ffissat appuntament bit-telefon ma' din il-persuna.

15 Permezz tad-Deċiżjoni Nru 63/10.3.2004, l-ESR impona multa ta' EUR 25 000 fuq Eleftheri tileorasi u fuq K. Giannikos, għar-raġuni li l-programm tat-televiżjoni inkwistjoni kellu reklamar bil-moħbi.

16 Eleftheri tileorasi u K. Giannikos ressqu rikors għall-annullament ta' din id-deċiżjoni quddiem il-qorti tar-rinviju.

17 Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li s-Symvoulio tis Epikrateias iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"L-Artikolu 1(d) tad-Direttiva [89/552] għandu jiġi interpretat fis-sens li, fil-kuntest ta' 'reklamar bil-moħbi', l-għoti ta' remunerazzjoni, ta' ħlas jew xi forma ta' ħlas oħra jikkostitwixxi element kunċettwali indispensabbli tal-għan ta' reklamar?"

Fuq id-domanda preliminari

18 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju qiegħda essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 1(d) tad-Direttiva 89/522 għandux jiġi interpretat fis-sens li l-eżistenza ta' ħlas jew ta' remunerazzjoni simili tikkostitwixxix element neċessarju sabiex tiġi stabbilita n-natura intenzjonali ta' reklamar bil-moħbi.

19 Għandu jitfakkar li, bis-saħħa ta' din id-dispożizzjoni, il-kunċett ta' "reklamar bil-moħbi" tfisser "ir-rappreżentazzjoni bi kliem jew stampi ta' oġġetti, servizzi, l-isem, it-trademark jew l-attivitajiet ta' produttur ta' l-oġġetti jew wieħed li jipprovdi servizzi fi programmi meta din ir-rappreżentazzjoni tkun maħsuba mix-xandar biex isservi ta' reklam u tista' tqarraq lill-pubbliku dwar in-natura tagħha".

20 F'dan ir-rigward, din id-dispożizzjoni tindika wkoll li "[d]in ir-rappreżentazzjoni hija kkunsidrata li tkun intenzjonata b'mod partikolari jekk issir bi ħlas jew għal rimunerazzjoni simili".

21 Madankollu, l-avverbju "b'mod partikolari", li jidher fil-verżjonijiet Franċiżi, Ġermaniżi, Ingliżi u Spanjoli tat-tieni sentenza tal-Artikolu 1(d) tad-Direttiva 89/552, ma tidhirx il-verżjoni Griega ta' din id-dispożizzjoni.

22 F'dan il-kuntest, hemm lok li jiġi rrilevat li dan l-avverbju ddaħħal fil-verżjoni Griega tad-definizzjoni tal-kunċett ta' "komunikazzjoni kummerċjali awdjoviżiva bil-moħbi", li tidher fit-tieni sentenza tal-Artikolu 1(j) tad-Direttiva 89/552, kif emendata bid-Direttiva 2007/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Diċembru 2007 (ĠU L 332, p. 27), u rriprodotta fil-verżjoni Griega ta' din id-definizzjoni, li tidher fit-tieni sentenza tal-Artikolu 1(j) tad-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew

u tal-Kunsill, tal-10 ta' Marzu 2010, dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-"Servizzi tal-Media awdjoviżiva") (ĠU L 95, p. 1).

23 Skont ġurisprudenza stabbilita, in-neċessità ta' applikazzjoni u, għaldaqstant, ta' interpretazzjoni uniformi tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni teskludi li, fil-każ ta' dubju, it-test ta' dispożizzjoni jitqies separatament, iżda minflok titlob li dan jiġi interpretat u applikat fid-dawl tal-verżjonijiet stabbiliti fil-lingwi uffiċjali l-oħra (sentenza tad-19 ta' April 2007, Profisa, C-63/06, Ġabra p. I-3239, punt 13 u l-ġurisprudenza ċċitata).

24 Fil-każ ta' diverġenza bejn id-diversi verżjonijiet lingwistiċi ta' test tal-Unjoni, id-dispożizzjoni inkwistjoni għandha tiġi interpretata fid-dawl tal-istruttura ġenerali u tal-għan tal-leġiżlazzjoni li din id-dispożizzjoni tifforma parti minnha (sentenza Profisa, iċċitata iktar 'il fuq, punt 14 u l-ġurisprudenza ċċitata).

25 Mis-sebgħa u għoxrin premessa tad-Direttiva 89/552 jirriżulta li din għandha bħala għan li tiżgura b'mod sħiħ u adegwat il-protezzjoni tal-interessi tal-konsumaturi li huma t-telespettaturi.

26 F'dan ir-rigward, l-imsemmija premessa tippreċiża li, sabiex jintlaħaq dan il-għan, huwa essenzjali li r-reklamar fuq it-televizjoni jkun suġġett għal ċertu numru ta' regoli u standards minimi.

27 Huwa f'dan il-kuntest li l-Artikolu 10(4) tad-Direttiva 89/552 jipprojbixxi r-reklamar bil-moħbi.

28 Il-kunċett ta' "reklamar bil-moħbi", kif iddefinit fl-Artikolu 1(d) ta' din id-direttiva, jikkostitwixxi, meta mqabbel ma' dak ta' "reklamar fuq it-televiżjoni", kif iddefinit fl-Artikolu 1(ċ), kunċett awtonomu li jirrispondi għal kriterji speċifiċi.

29 B'mod partikolari, minn din id-dispożizzjoni jirriżulta li r-rappreżentazzjoni tar-reklamar bil-moħbi għandha tkun "maħsuba mix-xandar biex isservi ta' reklam".

30 F'dan ir-rigward, it-tieni sentenza tal-Artikolu 1(d) tad-Direttiva 89/552 twaqqaf preżunzjoni li tgħid li n-natura intenzjonali ta' rappreżentazzjoni ta' oġġetti, servizzi, l-isem, it-trademark jew l-attivitajiet ta' produttur tal-oġġetti jew wieħed li jipprovdi servizzi fi programmi hija stabbilita meta b'mod partikolari ssir bi ħlas jew għal remunerazzjoni simili.

31 Madankollu, din id-dispożizzjoni ma għandhiex tiġi interpretata strettament b'tali mod li jingħad li din ir-rappreżentazzjoni tista' titqies li hija intenzjonali meta ssir biss bi ħlas jew għal remunerazzjoni simili.

32 Fil-fatt, din l-interpretazzjoni ma tirriżulta la mill-formulazzjoni tal-preżunzjoni stabbilita fl-imsemmija dispożizzjoni u lanqas mill-istruttura ġenerali u l-għan tad-Direttiva 89/522.

33 Bil-kontra, interpretazzjoni bħal din tista' tikkomprommetti l-protezzjoni sħiħa u adegwata tal-interessi tat-telespettaturi li trid tiżgura d-Direttiva 89/522, b'mod partikolari permezz tal-projbizzjoni tar-reklamar bil-moħbi indikata fl-Artikolu 10(4) tagħha, u tista', barra minn hekk, tneħħi l-utilità ta' din il-projbizzjoni, fid-dawl tad-diffikultà, jew l-impossibbiltà f'ċerti każijiet, li tiġi stabbilita l-eżistenza ta' ħlas jew

remunerazzjoni simili għal reklamar li jkollu l-karatteristiċi kollha, imfakkra fil-punt 19 ta' din is-sentenza, ta' reklamar bil-moħbi.

34 Konsegwentement, jekk huwa minnu li l-eżistenza ta' ħlas jew ta' remunerazzjoni simili tikkostitwixxi kriterju li jippermetti li tiġi stabbilita l-intenzjoni ta' reklamar ta' xandar tat-televiżjoni, mill-formulazzjoni tal-Artikolu 1(d) tad-Direttiva 89/552, kif ukoll mill-istruttura u mill-għan tagħha jirriżulta madankollu li din l-intenzjoni ma tistax tiġi eskluża fin-nuqqas ta' dan il-ħlas jew ta' din ir-remunerazzjoni simili.

35 Barra minn hekk, għandu jitfakkar li, skont is-sebgħa u għoxrin premessa tad-Direttiva 89/552, sabiex jiġi żgurat li l-interessi tal-konsumaturi bħala telespettaturi jiġu protetti b'mod sħiħ u adegwat, huwa essenzjali li l-Istati Membri jżommu d-dritt li jistabbilixxu regoli iktar dettaljati jew iktar stretti u li f'ċerti ċirkustanzi jistabbilixxu kundizzjonijiet differenti għal xandara tat-televiżjoni taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom.

36 B'hekk, ma għandux jiġi eskluż li leġiżlazzjoni ta' Stat Membru tipprevedi, minbarra l-eżistenza ta' ħlas jew ta' remunerazzjoni simili, kriterji simili li jippermettu li tiġi stabbilita n-natura intenzjonali ta' reklamar bil-moħbi.

37 F'dawn iċ-ċirkustanzi, id-domanda magħmula għandha tingħatalha r-risposta li l-Artikolu 1(d) tad-Direttiva 89/552 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-eżistenza ta' ħlas jew remunerazzjoni simili ma tikkostitwixxix element neċessarju sabiex tkun tista' tiġi stabbilita n-natura intenzjonali ta' reklamar bil-moħbi.

Fuq l-ispejjeż

38 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 1(d) tad-Direttiva tal-Kunsill 89/552/KEE, tat-3 ta' Ottubru 1989, dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar it-twettiq ta' attivitajiet ta' xandir bit-televiżjoni, kif emendata bid-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 97/36/KE, tat-30 ta' Ġunju 1997, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-eżistenza ta' ħlas jew remunerazzjoni simili ma tikkostitwixxix element neċessarju sabiex tkun tista' tiġi stabbilita n-natura intenzjonali ta' reklamar bil-moħbi.

Firem